MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2007

Rikors Numru. 944/2006

**Losinjska Plovidba Brodarstvo D.D., socjeta` estera rapprezentata mill-mandatarja specjali taghha Dottor Louis Cassar Pullicino**

**vs**

**Valfracht Roro Line Ltd (C16988)**

**Il-Qorti:**

Rat it-talba ghall-hatra ta` amministratur provvisorju kontenuta fir-rikors promotorju ta` Losinjska Plovidiba Brodarstvo D.D.

Rat ir-risposta ghall-istess talba.

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet a fol. 43 tal-process.

Rat in-nota responsiva a fol. 46 tal-process.

Rat il-verbal tas-seduta tal-15 ta` Marzu, 2007.

Tahtar lil Dr. Andrew Borg Cardona bhala amministratur provvisorju tas-socjeta` Valfracht Roro Line Ltd (C16988) bil-kundizzjoni li dan ma jkollu ebda dritt li jindahal, jintervjeni jew b`xi mod ixekkel il-kawzi li s-socjeta` ghandha quddiem dawn il-Qrati jew quddiem Qrati barranin, inkluz il-Qorti Ewropea, kemm gia` pendenti kif ukoll dawk li ghad iridu jigu ntavolati.

L-amministratur provvisorju jkollu l-poter li jissorvelja l-operat tal-kumpanija Valfracht Roro Line Ltd fit-tmexxija u andament tal-proceduri indikati, inkluz l-ispejjez erogati ghal dan il-ghan.

F`kaz ta` ezitu favorevoli ghas-socjeta` intimata fil-kawza Nru, 1605/00 JA, jekk l-istess socjeta` tigi biex tinkassa l-garanzija bankarja li taghmel tajjeb ghall-pretenzjoni taghha jew b`xi mod iehor tithallas ghall-istess pretenzjoni, l-amministratur provvisorju ghandu jiehu f`idejk il-kontroll u l-amministrazzjoni tal-istess fondi pendenti l-ezitu tat-talba ghall-istralc. L-amministratur provvisorju ghandu jirrikorri din il-Qorti dwar l-eventwali disposizzjoni ta` fondi ohra derivanti minn proceduri gudizzjarji.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------